**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**
**9 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 24**

**L-Erbgħa, 3 ta' Diċembru 2025**

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Schembri | Sindku |
| Is-Sur Keith Bartolo | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frederick Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Jeffrey Scicluna | Kunsillier |
| Is-Sur Matthew Spiteri | Kunsillier |
| Is-Sur Anton Gatt | Kunsillier (telaq 18.19) |
| Is-Sur Andrew Cassar | Kunsillier (17.40) |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Astrid Pell | Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

## 24.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**24.01.01** Xejn

## 24.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 23)

**24.02.01** Fuq proponiment tal-Kunsillier Anton Gatt u sekondat mill-Kunsillier Matthew Spiteri, il-minuti ta' seduta **23** ġew approvati unanimament.

## 24.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**24.03.01** Xejn

## 24.04 Komunikazzjoni mis-Sindku

**24.04.01** Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsilliera għamel referenza għall-applikazzjoni PA00063/22 għall-bini ta' Moskea ġewwa Ħal Luqa. Is-Sindku John Schembri qal li bħala Kunsill ma naqblux ma' din il-Moskea. Is-Sindku John Schembri fisser li din iż-żona hija waħda industrijali u għalhekk hija responsabbilta` tal-Gvern u mhux fil-ġurisdizzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku John Schembri kompla jgħid li nhar is-17 ta' Diċembru 2025 se ssir laqgħa tal-Planning Authority. Is-Sindku John Schembri tenna li Ħal Luqa hija mdawwra b'żoni industrijali fosthom l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, ic-Civic Amenity Site u l-Housing ta' Ħal Farruġ. Is-Sindku John Schembri kompla jgħid li r-raħal ma jiflaħx għal iżjed bini. Is-Sindku John Schembri spjega li trid tintbagħat ittra lill-Ministri u d-Deputati taż-żewġ naħat li permezz ta' din l-ittra ninfurmawhom bil-pożizzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Andrew Cassar b'referenza għal dan il-bini tal-Moskea qal li n-nies tar-raħal qomsu. Il-Kunsillier Andrew Cassar tenna li huwa ħa parir u ssuġġerixxa li ssir konsultazzjoni pubblika. Il-Kunsillier Andrew Cassar aċċenna għall-fatt li fl-2022 l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa kien diġa' oġġezzjona għal dan l-iżvilupp u għalhekk issa hemm bżonn li ssir konsultazzjoni. Il-Kunsillier Frederick Aquilina sostna li l-flats tal-housing ma jifilħux għal aktar konġestjoni.

Is-Sindku John Schembri qal li min irid jista' jattendi għal-laqgħa.

## 24.05 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

**24.05.01** Xejn

## 24.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**24.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell infurmat lill-Kunsilliera preżenti li l-Customer Care tal-Kunsill Lokali beda juża' l-WhatsApp. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li dan is-servizz għalissa se jkun miftuħ għall-Kunsilliera biss. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell kompliet tgħid li xi Kunsilliera diġa' bdew jirrapportaw l-ilmenti mal-Customer Care u s'issa din l-inizjattiva miexja sew.

## 24.07 Korrispondenza

**24.07.01** Is-Sindku John Schembri informa li għal sena oħra se tkun organizzata l-inizjattiva, 'Rigal b'Imħabba'. Is-Sindku John Schembri tkellem mal-Kunsilliera preżenti u qablu li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa għandu jieħu sehem f'din l-inizjattiva. Il-Kunsilliera preżenti qablu li r-rigali jitpoġġew taħt is-siġra tal-Milied ta' fuq iz-zuntier tal-Knisja mit-12 ta' Diċembru sat-18 ta' Diċembru 2025. Is-Sindku John Schembri qal li fid-19 ta' Diċembru 2025 jinġabru r-rigali.

## 24.08 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji 2026

**24.08.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qrat sommarju tal-Estimi Finanzjarji 2026 li kien imħejji mill-Accountant tal-Kunsill Lokali, is-Sur Joseph Piscopo. Wara li s-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qrat dan is-sommarju, fuq proponiment tas-Sindku John Schembri, issekondat mill-Kunsillier Frederick Aquilina, kien hemm qbil unanimu dwar l-Estimi Finanzjarji 2026.

## 24.09 Performance Bonus Appraisals għas-sena 2026

**24.09.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ħarġet mis-seduta sabiex il-kunsilliera jiddiskutu u kif ukoll jitkellmu b'mod liberu dwar il-performance bonus appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati. Wara ftit minuti daħlet lura fil-kamra u s-seduta tkompliet.

**24.09.02** Is-Sindku John Schembri informa lis-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell li l-kunsilliera preżenti kollha qablu li:

- is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell tingħata l-massimu ta' 10%

- żewġ impjegati tal-uffiċċju ngħataw il-massimu ta' 10% filwaqt li l-impjegata l-oħra ngħatat 9% minħabba li kellha twissija.

**24.09.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell, f'isem il-ħaddiema kollha, irringrazzjat lis-Sindku u l-kunsilliera kollha li dejjem japprezzaw ix-xogħol li jagħmlu l-ħaddiema.

## 24.10 Attivita` Għawdex u attivitajiet oħrajn

**24.10.01** Is-Sindku John Schembri qal li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa għal din is-sena bħala attivita` tal-Milied, nhar il-21 ta' Diċembru 2025, il-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jinvolvi ż-żewġ banad tal-lokal, banda minnhom iddoqq Ħal Luqa filwaqt li l-banda l-oħra ddoqq ġewwa Ħal Farruġ.

Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li din is-sena il-Milied f'Ħal Luqa huwa wieħed fqir u li s-sena d-dieħla jrid li bħala Kunsill Lokali naħdmu aħjar. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna tenna li għandha ssir sejħa lill-għaqdiet kollha biex kulħadd jieħu sehem fl-attivitajiet. Kemm il-Kunsillier Jeffrey Scicluna kif ukoll il-Kunsillier Matthew Spiteri qablu li ssir attivita` ġewwa l-lokal għandu jsir aktar marketing u avviżi.

**24.10.02** Is-Sindku John Schembri qal li nhar is-17 ta' Diċembru, il-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jorganizza ġurnata għal Għawdex, għar-residenti tal-lokal.

## 24.11 Skeda ta' Pagamenti u petty cash

**24.11.01** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Keith Bartolo, u sekondat mill-Kunsillier Jeffrey Scicluna, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu bi qbil unanimu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 24.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**24.12.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-19.30 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 8 ta' Jannar 2026, fil-17.30.

**Ikkonfermati llum il-Ħamis 8 ta' Jannar 2026.**

______________________ ______________________

**John Schembri**
*Sindku*

**Astrid Pell**
*Segretarju Eżekuttiv*